Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,500, 16 ta' Ottubru, 2020
Taqsima B

A.L. 395 tal-2020

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2020 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Fine Arts (M.F.A.) in Digital Arts taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2020 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Fine Arts (M.F.A.) in Digital Arts taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor:

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Fine Arts (M.F.A.) in Digital Arts;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-Grad ta' Master of Fine Arts (M.F.A.) in Digital Arts; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

Verżjoni Elettronika

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2020 jew wara.

Oqsma ta' Studju

3. Il-Kors għandu jkun offrut fi kwalunkwe qasam ta' studju li jibbenifika minn approċċ ibbażat fuq proġett, li jinkludi dixxiplini mill-arti diġitali, arti tal-midja, arti viżwali, arti tal-ħoss, graphic design, fotografija u prattika interdixxiplinarji li taqa' fir-responsabbiltà akkademika tal-Bord, wara li tkun approvata mis-Senat.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

4. (1) Il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li għandhom jew:

(a) grad ta' Bachelor miksub tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri jew f'Kategorija II minn din jew minn università oħra fl-Arti Kreattiva u/jew fil-Midja jew fi kwalunkwe qasam ieħor meqjus rilevanti mill-Bord, flimkien ma' portafoll sostanzjali ta' xogħlijiet riċenti; jew

(b) kwalifika/kwalifiki professjonali u/jew esperjenza meqjusa mis-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord, li jissodisfaw parzjalment ir-rekwiżiti għad-dħul fil-Kors, iżda l-applikanti jistgħu jkunu meħtieġa jtemmu programm preparatorju kif speċifikat fl-ordinament 5, u jippreżentaw portafoll sostanzjali ta' xogħlijiet riċenti.

(2) L-applikanti kollha li m'għandhomx l-ewwel grad fl-Arti Kreattiva u/jew fil-Midja għandhom jiġu intervistati u evalwati minn bord tal-intervisti magħmul minn tal-anqas tliet membri. L-applikanti jkunu mitluba jipprovdu evidenza tal-esperjenza professjonali tagħhom fl-Arti Kreattiva u/jew fil-Midja permezz ta' portafoll.

(3) L-applikanti prospettivi kollha huma meħtieġa li jistabbilixxu kuntatt mad-Dipartiment sabiex jiddiskutu l-proposta tagħhom qabel l-applikazzjoni formali.

Il-Programm Preparatorju

5. (1) L-applikanti kollha jistgħu jkunu meħtieġa jsegwu programm preparatorju kif speċifikat mill-Bord.

(2) Il-programm preparatorju jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati mhux anqas minn 30 u mhux aktar minn 60 krettu ECTS. L-applikanti jkunu meħtieġa li jiksbu marka medja ta' 55% jew aħjar fil-programm preparatorju qabel ir-reġistrazzjoni bħala studenti regolari għall-Kors.

Verżjoni Elettronika

It-Tul tal-Kors

6. Il-Kors għandu jinfirex fuq tliet semestri ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti fuq bażi *part-time*.

Il-Programm ta' Studju

7. (1) Il-programm ta' studju jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 90 krettu.

(2) Il-programm ta' studju ikun primarjament ibbażat fuq riċerka li ssir ġo *studio* jew bi prattika. Il-programm dettaljat ivarja skont it-tema tar-riċerka, iżda normalment għandu jinkludi proġett u/jew portafoll ta' xogħol li jsir ġo *studio* jew prattika jew permezz ta' proġett, kif esebit fi proġett u / jew, portafoll ta' xogħol, u dissertazzjoni miktuba.

(3) Il-programm ta' studju huwa magħmul minn taqsimiet studju mgħallma li għalihom hemm assenjati 10 kretti ECTS u komponent tar-riċerka li għalih assenjat 80 krettu ECTS, kif approvat mill-Bord, li minnhom 15-il krettu ECTS huwa assenjat għad-dissertazzjoni.

(4) Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat mill-Bord wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

8. (1) Il-valutazzjoni ta' kull taqsima studju mgħallma għandha tkun kompluta sal-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsima studju.

(2) Dawk l-istudenti li jeħlu fil-valutazzjoni ta' taqsimiet studju mgħallma jingħataw l-opportunità li jagħmlu mill-ġdid il-valutazzjonijiet fis-Sessjoni Supplimentari tal-Valutazzjoni ta' Settembru. L-istudenti li wara valutazzjoni mill-ġdid ma jiksbux il-kretti għal xi taqsima studju, ikunu meħtieġa li jieqfu mill-Kors.

Il-Proġett u / jew Portafoll ta' xogħol u d-Dissertazzjoni

9. (1) L-istudenti huma meħtieġa li jissottomettu dissertazzjoni individwali ta' mhux inqas minn 15,000 kelma, eskluż in-noti, biblijografija u appendiċi, skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord.

(2) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni jista' jsir fi kwalunkwe żmien matul il-Kors wara l-approvazzjoni tal-proposta mill-Bord.

Verżjoni Elettronika

(3) It-titlu provviżorju tad-dissertazzjoni u l-proposta ta' riċerka dettaljata għandhom ikunu sottomessi lill-Bord għall-approvazzjoni fiż-żmien l-applikazzjoni.

10. Il-proġett u/jew il-portafoll tax-xogħol għandu jikkonsisti f'xogħol ibbażat fuq *studio* jew fuq prattika jew permezz ta' proġett relatat mat-tema tar-riċerka kif approvat mill-Bord.

11. Kull student ikun assenjat superviżur prinċipali li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu ta' studju.

12. L-istudenti kollha huma meħtieġa li joqogħdu għal eżami orali li jiffoka fuq il-proġett u/jew portafoll tax-xogħol u d-dissertazzjoni.

13. (1) Il-Bord għandu jaħtar Panil ta' Superviżjoni għal kull student, normalment magħmul minn tliet membri kif ġej: il-Kap tad-Dipartiment, jew id-delegat tiegħu jew tagħha, bħala *Chairman*, u żewġ membri oħra, li wieħed minnhom ikun is-superviżur tar-riċerka, sakemm li meta l-Kap tad-Dipartiment ikun is-superviżur, huwa jew hija ma tkunx iċ-*chair* tal-Panil.

(2) Il-Panils ta' Superviżjoni għandhom isegwu, skont kif jidhrilhom xieraq, il-progress tal-istudenti f'xogħolhom għall-proġett u / jew għall-portafoll ta' xogħol u d-dissertazzjoni, sakemm li jiltaqgħu għall-anqas darbtejn fis-sena biex jirrevedu l-progress.

(3) L-istudenti huma meħtieġa jirrappurtaw lis-superviżuri tagħhom mill-anqas darba kull xahrejn, u barra minn hekk aktar spiss jekk is-superviżur jidhirlu li meħtieġ.

(4) Fl-aħħar ta' kull semestru ta' studji s-superviżuri huma meħtieġa li jagħtu lill-Panils ta' Superviżjoni rapporti dwar l-istudenti taħt is-superviżjoni tagħhom. L-istudenti għandhom jitolbu l-approvazzjoni tal-Panil ta' Superviżjoni għal xi tibdil sostanzjali fit-titlu jew fil-kontenut tal-proġett u / jew tal-portafoll ta' xogħol u d-dissertazzjoni. Il-proġett u / jew il-portafoll ta' xogħol, jew id-dissertazzjoni m'għandhiex normalment tkun sottomessa għall-eżami mingħajr l-approvazzjoni tas-superviżur.

(5) Il-Panils ta' Superviżjoni għandhom perjodikament jinformaw lill-Bord, bil-miktub, dwar il-progress ġenerali ta' kull student għall-proġett u / jew għall-portafoll ta' xogħol u d-dissertazzjoni. Dawn il-pariri jistgħu jinkludu rakkomandazzjoni li jew (a) jittawwal il-perijodu ta' studju biex l-istudent ikun jista' jtemm ilproġett u / jew il-portafoll ta' xogħol u d-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur jidhirlu li dan huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi, sakemm li:

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) tkun skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u

Verżjoni Elettronika

(ii) il-Bord ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skont (b) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudent li jiddefendi l-każ tiegħu.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti

14. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.

Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi *Part-Time*

15. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi *part-time*, u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord bħala meħtieġa minħabba n-natura *part-time* tal-Kors.